MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2011

Talba Numru. 452/2009

**Vella Falzon Capital Projects Limited (C-27872)**
**Vs**
**Carlo (K.I. 385274M) u Stephania konjugi Schembri (K.I. 338276M)**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas ta' tliet elef mija u sebghin ewro u tletin centezmu (€3,170.30) oltre l-imghax rapprezentanti merkanzija konsistenti f'numri ta' *Wedi Boards* kif ukoll ghal xoghlijiet ta' twahhil ta' dawn il-*Wedi Boards* fil-fond tal-intimati gewwa r-Rabat. Illi minkejja diversi interpellazzjonijiet inkluza ittra ufficjali, il-konvenuti baqghu ma hallsux.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 15 ta' Dicembru, 2008 u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ngunti in subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuti fejn intqal illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt, fid-dritt u fl-ekwita' u ghalhekk ghandha tigi michuda bl-ispejjeza stante li m'huwiex minnu li qatt sar ftehim dwar il-prezz tal- *Wedi Boards* in kwistjoni, u li l-ammont pretiz huwa esagerat u li ghaldaqstant ghandha ssir stima minn perit guidizzjarju indipendenti.

Illi l-valur tal-*Wedi Boards de quo* ghandu jigi pacut *in parte* jew *in toto* ma' kwantu huwa dovut lill-konvenuti ghas-servizzi taghhom *ai termini* tal-kontro-talba annessa mat-talba. Illi l-konvenuti spjegaw fir-risposta kif qabel ma gie ordnat il-materjal mertu tal-kawza, Alex Vella Falzon ghan-nom tas-socjeta' attrici talab minghand il-konvenut bhala *designer* pariri u *designs* in konnessjoni ma' xoghol ta' *finishing* u arredar ta' zewg appartamenti fi hdan zvilupp imsejjah A3 Towers, Paola, bl-iskop li dawn iz-zewg appartamenti jservu ta' *show case* ghall-pontenzjal tal-blokka u bl-iskop li jattiraw il-kuntratti ghal xoghlijiet simili fil-kumplament tal-appartamenti; illi l-konvenut iltaqa' diversi drabi dwar dan il-progett mas-Sur Vella Falzon u sija mas-sid tal-progett John Mizzi u sia mall-periti tal-progett Maniera Group, inkluz il-Perit Colin Zammit u hejja diversi pjanti u disnji; li waqt li kien ghaddej ix-xoghol, il-konvenuti gew bzonn il-*Wedi Boards* mertu tal-kawza u s-socjeta' attrici qabdet u pprovdiet tali materjal minghajr ma gew imsemmija prezzijiet u minghajr ma nhargu fatturi jew kontijiet; bl-istess mod, meta l-konvenut lesta u pprezenta disinji li gie kkumissjonat jezegwixxi, is-Sur Vella Falzon qatt ma talbu l-kont u qatt ma resaq ghall-hlas; il-konvenuti ghaldaqstant assumew illi l-*Boards* mertu tal-kawza gew provduti bi tpartit u bi hlas ghax-xoghlijiet taghhom, ghalkemm fil-verita' hassew illi d-disinji provduti minnhom jiswew aktar mill- *boards* mertu tal-kawza. Illi eventwalment irrizulta li s-socjeta' attrici ma kienetx hadet il-kuntratt relattiv ghall-blokka imsemmija u kien f'dak il-mument li s-socjeta' attrici bdiet tibghat il-kontijiet mertu ta' din il-kawza; jidher illi s-Sur Vella Falzon ippretenda li ghaliex ma hax il-kuntratt m'ghandux ihallas tax-xoghol ikkummissjonat lill-konvenuti, imma ghandu jithallas tal-materjal ipprovdut minnu lill-konvenuti. Illi l- konvenuti stmaw ix-xoghol inkluzi diversi laqghat f'Malta u Ghawdex

fis-somma ta’ tliet elef u hames mitt ewro (€3500) imma *ai fini* ta’ kompetenza ta’ dan it-Tribunal qieghdin jirriducu t-talba.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

It-Tribunal ra l-kontro-talba pprezentata mill-konvenuti rikonvenzjonati fejn talbu li dan it-Tribunal jiddikjara lis-socjeta’ attrici responsabbli lejn il-konvenuti ghall-hlas ta’ xoghol ta’ *design* ikkummissjonat lill-istess konvenuti, u jillikwida tali xoghol fl-ammont ta’ tliet elef, erba’ mija u erbgha u disghin ewro u sitt centezmi (€3494.06) jew somma ohra verjuri.

Bl-ispejjez a tenur tal-art 10 tal-Kap 380.

Ra r-risposta tal-kontro-talba mis-socjeta’ attrici rikonvenzjonata fejn qalet li t-talba tal-konvenuti rikonvenzjonali hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-kumpanija attrici rikonvenzjonata qatt ma qabdet lill-istess konvenuti jew min minnhom sabiex jaghmlu xi xoghol jew li jaghtu xi servizz ta’ *design* jew mod iehor kif allegat u lanqas mhu minnu li l-konvenuti rikonvenzjonali jew min minnhom qatt ghamlu dan it-tip ta’ xoghol ghall-beneficcju tal-kumpannija attrici rikonvenzjonata.

Ghalhekk il-kontro-talba ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-konvenuti rikonvenzjonali li huma ngunti minn issa stess in subizzjoni.

Ra r-risposta ulterjuri tas-socjeta’ attrici rikonvenzjonata pprezentata fit-2 ta’ Novembru, 2010, illi l-kontro-talba tal-konvenuti hija preskritta a tenur tal-Artiklu 2149 (C) tal-kodici Civili u ghaldaqstant ghandha tigi respinta skont il-ligi bl-ispejjez kontra l-istess intimati.

Ra d-dokumenti kollha ezebiti in atti.

Sema’ x-xhieda ta’ Alex Vella Falzon, Carlo Schembri, John Mizzi, Mark Grech,

Sema’ t-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidra:**

Illi rigward l-eccezzjoni ulterjuri fil-konfront tal-kontro-talba, t-Tribunal ra li s-socjeta’ attrici eccepixxiet il-preskrizzjoni ai termini ta-artiklu 2149 (C), fejn l-azzjonijiet taht dan l-imsemmi artiklu jaqghu bi preskrizzjoni ta’ sentejn. Illi dan l-artiklu jirreferi ghall-azzjonijiet ta’ l-avukati, prokuraturi legali, nutara, arkitetti, inginiera civili u persuni ohra li jezercitaw professjoniijiet jew arti liberali ohra, ghad-drittijiet taghhom u ghall-ispejjez li jkunu ghamlu. Illi t-Tribunal huwa sodisfatt illi il-kontro-talba tal-konvenuti rikonvenzjonati hija ghall-hlas tad-drittijiet tal-konvenuti ghax-xoghlijiet t’ *interior design* illi huwa kien ghamel ghal zewg *show case apartments* fl-A3 Towers, Paola. Illi l-konvenut jezercita’ professjoni t’ *interior designer*. Illi huwa pacifiku fil-gurisprudenza nostrana li l-professjoni t’ *interior designer* tinkwadra ruhha fil-parametri ta’ dan l-artiklu tal-ligi. Illi f’sentenza tal- Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) tat-28 t’April, 2004 fil-kawza fl-ismijiet *Peter Busutil vs Public Broadcasting Services Ltd* irriteniet li bl-introduzzjoni ta’ kliem generici ‘persuni ohra li jezercitaw professjonijiet jew arti liberali ohra huwa logiku illi fost dawn jirrientraw il-professjoni ta’ gurnalist, *graphic designer*, fotagrafu, *film producer*, *advertiser*, *interior decorator* u bosta ohrajn’. Illi rrizulta ukoll illi l-professjoni ta’ awditur ukoll jinkwadra taht l-istess parametri tal-ligi, ara in propozitu s-sentenza fl-ismijiet *Stuart G Craig et noe vs George Mifsud noe* - Qorti tal-Appell, 27 ta’ Marzu, 1998. Ghaldaqstant, hija l-fehma tat-Tribunal li l-azzjoni ta’ *interior designer* ghandha tinkwadra ruhha f’dan l-ambitu u ghaldaqstant taqa’ bil-preskrizzjoni ta’ sentejn. Illi wara li sema’ u evalwa l-provi kollha ta’ din il-kawza dwar il-mertu, huwa seta’ jikkonstata ukoll meta fil-fatt gew kkunsinjati dawn il-Wedi Boards. It-Tribunal ra ukoll illi mill-eccezzjonijiet tal-konvenuti intqal illi qabel ma gie ordnat il-materjal mertu tal-kawza Alex Vella Falzon, ghan-nom tas-socjeta’ attrici, talab minghand il-konvenut bhala *designer* pariri u *designs*. Illi l-Wedi Boards in kwistjoni, kienu gew ikkunsinjati waqt illi kienu ghaddejjin ix-xoghlijiet fl-A3 Towers, Paola. Illi t-talba ghall-hlas tal-Wedi Boards mis-socjeta’ attrici hija bbazata fuq fattura datata 30 ta’Gunju,

2007. Illi skont il-kontro-talba il-materjal mertu tal-kawza gie kkonsenjat fl-istess waqt li kienu ghadejjin ix-xoghliiet ghall-A3 Towers. Illi huwa car illi d-disinni skont il-konvenuti fil-kontro-talba taghhom stess saru kontemporanjament mad-data tal-fattura mahruga mis-socjeta' attrici datata 30 ta' Gunju, 2007. It-Tribunal huwa sodisfatt illi l-kontro-talba tal-konvenuti hija preskritta ai termini tal-artiklu 2149 (C) u ghandha tigi michuda u ghaldqstant, it-Tribunal m'huwiex ha jidhol fil-mertu tal-kontro-talba.

Illi dwar it-talba, mill-provi attrici, jirrizulta li Carlos Schembri kien ordna konsenja ta' Wedi Boards ghad-dar tieghu fir-Rabat. Dawn il-Boards jintuzaw bhala protezzjoni mill-umdita' fil-hitan. Intqal minn Alex Vella Falzon, direttur tas-socjeta' attrici, li kienu saru xi laqghat mad-diretturi tal-A3 Towers li huwa blokk ta' appartamenti *high rise* f'Paola u f'xi laqgha minnhom' kien tfacca Schembri u huwa kien jafu bhala *interior designer*. Illi Vella Falzon gie rikjest jaghti stima ta' serje ta' madum ghal *sample unit* mid-diretturi tal-A3 Towers u jaf illi Carlos Schembri kien ghaddielu xi pjanti *tramite* direttur tal-A 3 Towers. Qal ukoll li huwa qatt ma kien qabbad lil Schembrui jaghmel xi disinji ghal *show case apartaments*. Illi ghalkemm kien jaf b'Carlo Schembri bhala *interior designer* kien laqqghu mieghu Mark Grech, direttur tal-A3 Tower Block. Illi f'wiehed minn dawn il-laqghat Schembri kien semmielu li huwa kellu problema t'umidita' f'daru, r-Rabat u wera nteress fil- prodott *Wedi Boards* li s-socjeta' attrici kienet tbejgh. Sussegwentement is-socjeta' attrici ikkonsenjat il-*Wedi Boards* u wahhlithom ukoll izda baqa' ma thallasx minn Schembri. Qal illi l-problemi kienu nqalghu meta s-socjeta' attrici bghatet il-kont ghal dawn il-*Wedi Boards* u Schembri kien qallu li huwa kellu jithallas ghad-disinji li kien ipprepara ghas-socjeta' attrici. Qal ukoll illi Schembri qatt ma tah stima tad-disinji li kien qieghed jipprepara u dwar il-kontro-talba jghid illi ma jaf xejn dwar dan l-allegat kont hlief meta huwa kien ipprezentalu l-kont ghal *Wedi Boards.*

Min-naha tieghu l-konvenut Schembri stqarr illi huwa kien gie nkarigat jipprepara disinni ghal zewg *sample units* li kellhom jintuzaw bhala *showcase apartments* ghal-*marketing* ta’ dan il-blokk. Illi xoghlu kien li jipprepara disinji u s-socjeta’ attrici kellha tiffornixxi l-madum. Illi huwa dejjem ittratta ma’ Vella Falzon u kien Vella Falzon li inkarigah jaghmel id-disinji ta’ dawn l-appartamenti li fil-fatt saru. Qal illi kien sorpriz meta rcieva l-kont tal-Wedi Boards ghaliex huwa kien taht l-impressjoni li kienu twahhlu fil-fond tieghu bhala parti mir-relazzjoni fuq xoghol li kellhom bejniethom. Illi huwa qatt ma kien irceva *quotation* ta’ dawn il-*Wedi Boards* u lanqas qatt ma talab stima, izda kien cert illi dawn il-Boards kienu ntbaghtu lil Schembri bhala apprezzament tax-xoghol li kien qieghed jaghmel Schembri ghall-Vella Falzon. Stqarr illi huwa mhux biss qatt ma kien ircieva stima izda lanqas qatt ma kien talab ghall-stima u lanqas ma ddiskutew prezzijiet bejniethom. Huwa qal illi dawn gew offruti lilu ghaliex qatt ma ppretenda li kien ha jigi ccargjat minn Vella Falzon.

Xehed John Mizzi li huwa direttur ta’ A Three Limited u spjega illi huwa kien jaf kemm lill-konvenut kif ukoll lil Vella Falzon izda bejniethom ma kien hemm ebda relazzjoni kummercjali ghalkemm qal ukoll illi kien ha jkollu relazzjoni kummercjali izda din ma mmaterjalizzatx. Qal ukoll illi huwa qatt ma kien inkariga lil Schembri sabiex jaghmel xi disinji ghall-appartamenti A3 Towers izda jaf li kien hemm tentattiv ta’ xi relazzjoni kummercjali bejn il-konvenut u Vella Falzon izda ma kien irrizulta xejn mit-tahdidiet. Illi rigward ir-relazzjoni tieghu ma’ Schembri qal illi huwa ma’ kellu ebda relazzjoni mieghu izda Schembri kellu relazzjoni kummercali mas-socju tieghu, hekk imsejjah Mark Grech. Mizzi qal illi Vella Falzon kien wera interess li jaghmel zewg *show flats* fil-blokk A3 Towers, Paola tax-xoghlijiet taghhom u kien ra xi disinnji moghtija lilu minn Vella Falzon.

Xehed Mark Grech is-socju ta’ Mark Mizzi, fejn spjega li huwa kien jaf lil Schembri fuq diversi progetti fosthom fuq il-progett tad-*Dukes* f’Ghawdex. Spjega kif huwa kien qieghed f’tahdidiet ma’ Vella Falzon Capital Projects Ltd fuq xi konsenji ta’ madum ghall-A3 Towers u m’eskludiex

illi kienu ltaqghu ghand Vella Falzon sabiex jiddiskutu il-madum ghall-A3 Towers, Paola u lanqas ma jeskludi li Schembri kien prezenti ghal dawn il-laqghat izda kkonferma li huwa qatt ma nkariga lil Schembri sabiex jaghmillu xi disnni izda kien taht l-impressjoni li bejn Vella Falzon u Schembri kien hemmi relazzjoni kummercjali.

Wara li sema' u evalwa il-provi migjuba quddiemu, t-Tribunal jista' jikkonstata li skont il-provi dwar il-mertu tat-talba jirrizulta li mhux biss hemm xhieda konfligenti bejn il-partijiet izda ftit li xejn hija konsistenti ix-xhieda bejn Vella Falzon u Mizzi. Filwaqt illi Mizzi qal illi huwa kien ircieva d-disinni minghand Vella Falzon, Vella Falzon qal illi huwa kien ircieva disinni minghand Mizzi.  Li huwa zgur ghat-Tribunal li Schembri gie mitlub jaghmel xi xoghlijiet ta' *interior design* u t-Tribunal huwa konvint illi mill-provi li sema', li Schembri kien inghata struzzjonijiet minn Vella Falzon.

Vella Falzon qal illi l-ewwel laqgha li huwa kellu ma' John Mizzi dwar l-A3 Towers kien ghal habta t' April, 2007 u *circa* xahar wara kien tfacca Carlo Schembri ghall-laqghat ghalkemm ma kienx Mizzi li kien sejjahlu ghall-laqghat. Illi dwar dan it-Tribunal huwa konvint illi Carlo Schembri ma kienx tfacca wahdu izda kien tfacca ghaliex kien gie mistieden sabiex jattendi minn xi hadd. Illi ma jeskludiex illi l-introduzzjoni ta' Schembri ma' Vella Falzon kienet saret *tramite* Mark Grech, izda dan ma jfissirx illi Vella Falzon ma kienx il-bniedem li kien fil-fatt ikkummissjona lill-Schembri sabiex jaghmel xi disinni ghall-appartamenti u hajru biex ikun parti min-negozju. It-Tribunal ra li gew ezebiti wiehed u erbghin pjanta mill-konvenut ghax-xoghlijiet fl-A3 Towers u ra li dawn il-pjanti kellhom neqsin id-dettalji tal-klijent kif ukoll id-data hlief ghal kliem A3 Towers Contemporary.

Illi dwar il-konsenja u twahhil tal-*Wedi Boards*, it-Tribunal huwa sodisfatt illi dawn gew offruti minn Vella Falzzon u sa dak inhar illi huwa wahhal dawn il-*Wedi Boards* ghal Schembri huwa ma kellu ebda 'ntenzjoni li jiccargjah ta' dawn il-Boards. Izda gara li n-negozjati u l-kuntratt mal-A3 Towers ma kienx mehud mis-socjeta' attrici u

ghaldaqstant ma kienx baqa' interess kummercjali f'Carlo Schembri u ta' negozjant li hu Vella Falzon, sitt xhur wara li kien wahhal dawn il-*Wedi Boards* u wara li sar jaf li tal-A3 Towers ma kienux iktar interessati jaghtu il-kuntratt tal-madum tal-faccata, iddecieda li jibghat il-kont lil Schembri, ghall-konsenja u twahhil ta' dawn il-*Wedi Boards*. It-Tribunal huwa wkoll tal-fehma li l-konvenut kien ta' *d'intendere* tul in-negozjati kollha li kellu mas-socjeta' attrici li huwa ma kienx qieghed jippretendi li jigi ccargjat ghaliex huwa kien qieghed jaghmel xoghol ghalihom tant illi huwa qatt ma rcieva stima ta' dan il-prodott u lanqas qatt ma ta' stima ta' xoghlu lis-socjeta' attrici. Il-konvenut qal illi huwa qatt ma ccargja lil Vella Falzon, ghaliex haseb illi x-xoghol tieghu kien ha jigi pacut max-xoghlijiet li kien ghamillu Vella Falzon fid-dar tieghu r-Rabat izda t-Tribunal jemmen illi Carlo Schembri kien ha jigwadanja ukoll li kieku Vella Falzon kien ha l-kuntratt mis-socjeta' A3 Towers. In konkluzjoni, t-Tribunal huwa konvint illi sakemm kienu ghaddejjin in-negozjati ghal xoghol flimkien l-ebda wiehed minnhom m'ippretenda hlas. Il-pretensjonijiet ghal hlas irrizultat wara li saru jafu li relazzjoni ulterjuri ta' bejniethom ma kienetx ser timaterjalizza. Illi mill-provi rrizulta car lit-Tribunal illi din il-kawza titratta dwar attentat li jsir negozju bejn is-socjeta' attrici u socjeta' A3 Towers izda dan in-negozju qatt ma sehh. Illi l-ftehim kien illi s-socjeta' attrici tipprepara zewg *show case apartments* ghal blokk fl-A3 Towers. Is-servizz minn Schmebri kien inghata u fil-fehma tat-Tribunal kien inghata lil Vella Falzon mill- istess Schembri fuq struzzjonijiet ta' l-istess Vella Falzon ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' attrici. Illi jirrizulta car wkoll illi l-konvenut gie mistieden ghal dawn il-laqghat minn Alex Vella Falzon. Illi kien Vella Falzon li hajjar lill-konvenut sabiex jipprepara *design works* tant illi wara li ppreparahom huwa kien gie kkumissjonat jezegwihom. Illi jirrizulta li dawn iz-zewg appartamenti tlestew izda n-negozju bejn s-socjeta' attrici u s-socjeta' A3 Towers ma rrizultax, izda x-xoghol min-naha tal-konvenut kien gie ppreparat u mhejji sewwa. Illi kien biss meta s-socjeta' attrici ma haditx il-kuntratt tal-blokka shiha tal-A3 Towers, li l-konvenut kien ircieva l-kontijiet u dan xhur wara li gie kkosenjat l-materjal mertu tat-talba.

Lit-Tribunal jidhirlu li ta’ xoghlu, l-konvenut qatt ma ppretenda hlas ghaliex huwa minnu li l-konsenja tal-*Wedi Boards* kien kompriz fi ftehim ta’ negozju bejn il-partijiet.

Illi rigward l-eccezzjoni tat-tpacija, t-Tribunal ra li l-kwistjoni tat-tpacija hija preskritta *ai termini* tal-artiklu 2149 (C). Izda rigward it-talba, t-Tribunal jifhem illi c-cirkostanzi partikolari tal-kaz u kif zvolgew il-fatti, jimmerita kunsiderazzjoni profonda u fid-dawl tax-xhieda tal-partijiet, it-Tribunal ha jikkonkludi li *a bazi* ta’ principju ta’ ekwita’ l-konsenja tal-*Wedi Boards* qatt ma kellha tkun imhallsa.

It-Tribunal wara li kkunsidra r-relazzjoni ta’ negozju li kien ser isehh bejn il-partijiet u wara li ra li rrizultalu li kien HEMM ftehim bejn il-partiiet dwar il-konsenja tal-materjal mis-socjeta’ attrici u servizzi provduti bejn il-partijiet ghal negozju bejniethomn. Ra li sfortunatament in-negozju mas-socjeta’ A3 Towers sfaxxa. It-Tribunal huwa moralment konvint li fuq bazi ta’ principju t’ ekwita jemmen illi mill-provi rrizulta inekwivokament li l-*Wedi Boards* gew ikkunsinjati u mwhalla fil-fond tal-konvenut minghajr ebda intenzjoni li s-socjeta’ attrici kienet qed tippretendi l-hlas fiz-zmien li gew konsenjati u li twahhlu tant illi lanqas il-konvenut qatt ma talab hlas ta’ xoghlu. Ghaldaqstant, it-Tribunal ma jhossx illi s-socjeta’ attrici setghet tippretendi l-hlas ghal dawn il-*Wedi Boards* biss ghaliex ma kienetx hadet il-kuntratt.

In konkluzjoni, it-Tribunal huwa sodisfatt li l-azzjoni tal-kontro-talba hija preskritta *ai termini* tal-artiklu 2149 (C). Dwar it-talba, it-Tribunal b’sens ta’ gustizzja u ekwita’ *arbitrio boni viri* qieghed jemmen il-verzjoni tal-konvenuti u ghaldaqstant jichad it-talba attici.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi filwaqt illi jichad it-talba attrici, jichad il-kontro-talba tal-konvenuti rikonvenzjonati.

Spejjez tal-kawza jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------